MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 1516/2002/1

**Joseph Gauci**

**vs**

**Saviour Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Ottubru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1150) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi professjonali rezi fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficajli tal-11 ta' Jannar 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-21 ta' Jannar 2003, fejn huwa eccepixxa illi:

1. Preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta'l-artikolu 2149 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mhux dovut.
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta'l-attur Joseph Gauci u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-attur, permezz tal-presenti istanza, qieghed jitlob il-hlas ta' servizzi professjonali rezi lill-konvenut bhala managing partner gewwa ditta ta' awdituri, Alliott Gauci & Co. L-attur kien ha hsieb xi problemi finanzjarji li kellu l-konvenut inkluz li jidher ghan-nom tieghu mad-Dipartiment tal-VAT u dana kif jirrizulta mid-Dokumenti JG1, JG2 u JG3. Jidher illi dawn is-servizzi gew ipprovduti fis-sena 2000 u dana kif jirrizulta mill-invoice esebita a fol.33 tal-process immarkata bhala Dokument JG4, li iggib id-data tal-11 ta' Awissu 2000. Il-konvenut baqa' ma hallasx. Inoltre l-attur jallega illi l-konvenut kien ammetta mieghu li kellu ihallsu f'telefonata li huwa irrekordja u li ezebixxa f'dawn il-proceduri. (Dokument JG5 u JG6). Illi ghalkemm l-attur jikkontendi illi huwa kien baghat ittra ufficjali lill-konvenut fil-11 ta' Jannar 2002, din l-ittra u r-riferta relattiva qatt ma gew esebiti.

Illi l-konvenut qieghed fl-ewwel lok jecepixxi l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni ai termini ta'l-artikolu 2149 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ma jindikax taht liema sub-inciz tal-

ligi qieghed jeccepixxi tali preskrizzjoni u ghalhekk din l-ececzzjoni la tista' tigi milqugha u wisq inqas tista' tigi ikkunsidrata, stante illi l-konvenut naqas li jindika bl-ezatt din id-disposizzjoni tal-ligi illi tahtha huwa qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni.

Illi min-naha tieghu l-konvenut jammetti illi l-attur kien irrendielu s-servizz li dwaru xehed mal-VAT Department, izda huwa jikkontendi illi l-ftehim kien li dan me kellux isir bi hlas, izda bhala pjacir, peress illi t-tnejn kienu presidenti ta' clubs tal-futbol. Inoltre jikkontendi illi l-attur tant dam sabiex jirrangalu l-problemi li kellu mal-VAT Department, illi mis-somma ta' Lm1300 li kellu ihallas fl-1998, l-ammont, minhabba l-multi li wehel, tela' ghal Lm2500 u dana tort unikament ta'l-attur. Illi l-konvenut madanakollu ma iressaqx provi in sostenn ta'l-allegazzjonijiet tieghu. L-ebda dokument ma gie prodott mill-VAT Department u wisq anqas huwa ressaq lil xi rappresentant minn dan id-Dipartiment sabiex jixhed dwar dan il-fatt.

Inoltre ghalkemm huwa jikkontendi illi l-attur kien hadimlu bi pjacir, imbaghad ighid ukoll iktar 'il quddiem fix-xhieda tieghu, illi huwa kien hallsu billi kien partat player tal-futbol bejn iz-zewg clubs li taghhom il-kontendenti kienu presidenti, huwa jerga' jikkontradixxi lilu innifsu meta ighid illi il-club fil-fatt kien thallas mill-club li tieghu l-attur kien president, ghal dan il-player.

Illi ghalhekk jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-attur kien effettwa is-servizz li ghalih qieghed jiltob il-hlas permezz tal-presenti istanza minn ghand il-konvenut. Anke il-konvenut jammetti illi dan kien il-kaz, izda ma iressaqx provi in sostenn ta'l-eccezzjonijiet minnu sollevati. Fuq kollox, min jallega irid jipprova, haga li l-konvenut naqas li jaghmel sodisfacentement u kwindi l-eccezzjonijiet tieghu qed jigu michuda.

Illi ghar-rigward tal-casette li gie esebit bhala Dokument JG6, ma hemmx prova konklussiva illi din il-konversazzjoni sehhet bejn il-kontendenti, u l-konvenut min-naha tieghu qieghed jichad illi kien parti f'din il-konversazzjoni u kwindi din il-prova qed tigi skartata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1150), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravju li t-Tribunal iddecieda malament il-punt legali relattiv ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata. Huwa jissottometti illi l-Kodici Civili mkien ma jimponi illi meta tigi eccepita preskrizzjoni ghandu jigi ndikat specifikament kemm l-artikolu kif ukoll is-subartikolu. F’ kull kaz issa in sede appell huwa jippreciza li l-artikolu tal-preskrizzjoni minnu mahsub kien is-subinciz (c) ta’ l-Artikolu 2149 minnu citat;

Riferibilment ghall-gravam imqanqal fir-rikors ta’ l-appell mill-konvenut, jibda biex jigi osservat illi skond l-Artikolu 2111 Kodici Civili “il-qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata”. Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka *d’ ufficio* il-fatti kostituttivi ta’ eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista’ l-gudikant jassumi *d’ ufficio* tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta;

Kif deciz, “peress li din hi preskrizzjoni invokata mill-appellant il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f’ materja ta’ preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta’ preskrizzjoni, illi dik ghandi tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi

preskizzjoni li tista’ tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta’ kuxjenza” – **Kollez. Vol. XXXIII P I p 481**;

Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta’ indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f’ dan il-kuntest gie deciz illi “l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b’ mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f’ ben hames incizi distinti jiprospetta l-preskrizzjoni ta’ azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra” – “**Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri *et***”, Appell Kummercjali, 21 ta’ Marzu 1977;

Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta’ indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti. In bazi ghall-konsiderazzjonijiet suddetti r-ragjonament tat-Tribunal ma jistax jitqies censurabbli. Konsegwentement, l-aggravju sollevat qed jigi michud;

Issa f’ din is-sede l-appellant jinqeda bid-dispost ta’ l-Artikolu 2113 Kodici Civili billi jippreciza illi l-preskrizzjoni applikabbli hi dik stabbilita fl-Artikolu 2149, subinciz (c) tal-Kapitolu 16. In linea ta’ principju generali din il-Qorti fi grad ta’ appell ma tistax ma tammettix din l-eccezzjoni. Dan ghaliex “qatt ma gie dubitat illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, anke bl-emendi ghal Kap 12, tista’ tigi sollevata fi stadju ta’ l-appell” (“**Paul Balzan *nomine* -vs- John A. Scicluna *nomine***”, Appell 3 ta’ Dicembru 1999). S’ intendi, dejjem, salv il-kwestjoni rigwardanti l-kap ta’ l-ispejjez. Ara **Kollez. Vol. XXIII P I p 952** u **Vol. XXXIV P I p 329**;

Dan precizat, ma huwiex dubitat illi fis-subinciz (c) ta' l-Artikolu 2149 jirrientraw dawk kollha li jezercitaw professjoni intellettwali. Fosthom allura anke l-awdituri. Dan gja gie affermat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Stuart G. Craig *et nomine* -vs- George Mifsud *et***" Appell, 27 ta' Marzu 1998;

Mill-atti jirrizulta illi s-servizz professjonali gie rez mill-attur lill-konvenut fl-2000. Ghall-precizzazzjoni mid-dokumenti esebiti jidher li bl-intervent ta' l-attur gie konkluz ftehim mad-Dipartiment tal-VAT fl-interess tal-konvenut fis-27 ta' Lulju 2000 (ara dokument esebit a fol. 31) mentri l-hlas relattiv tas-somma miftehma saret dejjem mill-attur a beneficcju tal-konvenut fl-4 ta' Awissu 2000. Invece, l-azzjoni *de quo* giet intavolata fid-19 ta' Gunju 2002;

Jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni ghal skop ta' dekorriment ta' zmien, id-dati appena rilevati allura huwa evidenti illi l-azzjoni giet prezentata fit-terminu statutorju ta' sentejn li jsemmi l-Artikolu 2149 (c). Dan kemm jekk wiehed jiehu d-data tal-ftehim konkluz mad-Dipartiment tal-VAT kemm jekk wiehed jiehu qies tad-data tal-hlas, fejn allura hu prezunt li ccessa definittivament l-inkariku ta' l-attur;

Jinsab ritenut mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (3 ta' Awissu 1992, Nru. 9221)** illi "*il contratto che ha per oggetto una prestazione d' opera intellettuale è da considerare unico in relazione a tutta l' attivita svolta in adempimento dell' obbligazione assunta e pertanto il termine di prescrizione del diritto al compenso decorre dal giorno in cui è stato espletato l' incarico commesso, non gia dal compimento di ogni singola prestazione professionale necessaria all' adempimento del compito assunto in cui si articola l' obbligazione del professionista*";

Apparti dan kollu rilevat, jista' jinghad ukoll mill-kontenut tat-traskrizzjoni tat-telefonata (fol. 34) illi jidher delinejat rikonoxximent da parti tal-konvenut appellant tad-debitu reklamat. Billi din it-telefonata saret f' Gunju 2002 (ara xhieda attur fol. 28) tali rikonoxximent, ankorke t-terminu kien gja skada, jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni gja akkwistata. Anke allura ghal din ir-raguni l-preskrizzjoni eccepita ma tistax tircievi favur.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------